MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2014

Numru 304/2012

Il-Pulizija

(Spettur Trevor Micallef)

vs

Jason Gatt

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 255978(M); akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fis-17 ta’ Marzu 2012 ghall-habta tas-7.30am fi Triq Paceville Avenue San giljan u iktar tard fl-ghassa ta’ San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hekk kontra PS 1273 Kraus Mifsud u PS 1128 Glenn Sammut, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 1128 Glenn Sammut, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS 1273 Kraus Mifsud u PS 1128 Glenn Sammut, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzagghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi saq jew kellu l-kontroll ta' vettura bil-mutur numru ta' registrazzjoni BBR 319 tal-ghamla VW waqt li kien qieghed fi triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
5. fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indecent;
6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
7. fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li jkunu ghamlu id-dmirijiet taghhom;
8. kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien perjodu ta' Probation Order;
9. li huwa ricediv;

Il-Qorti mitluba li l-imputat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi minnu citati baghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat jistqarr li ma kellux oggezzjoni li jigi hekk gudikat;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz in-noti ta’ sottimissjonijiet li l-partijiet ghogobhom jipprezentaw.

Ikkonsidrat

Il-fatti f’dan il-kaz huma: fis-17 ta’ Marzu ta’ sentejn ilu, kienu circa is-7.30 ta’ filghodu sar rapport anonimu lill-pulizija tal-ghassa ta’ San Giljan li kien hemm persuna li dehret mitluqa f’vettura pparkeggjata, liema vettura kellha l-magna taghha mixghula. Il-Pulizija marru jinvestigaw u rrizultalhom persuna rieqda fil-vettura bil-magna taghha mixghula. Meta msejjah, il-persuna qamet, harget mill-vettura, izda irvellat, fis-sens li bdiet tghajjat, meta l-pulizija informawha li kien ser isirilha test tan-nifs. Jidher li, apparti l-ghajjat, sa dan l-istadju ma kien gara xejn iktar u l-persuna dahlet fil-vettura tal-Pulizija u giet eskortata l-ghassa ta’ San Giljan.

Xehdu l-pulizija ikkoncernati fil-kaz. Minn tali xhieda johrog li sakemm il-persuna ttiehdet l-ghassa, l-aggressivita’ taghha kienet tikkonsisti f’ghajjat li iddigenera f’aggressivita’ vjolenti gewwa l-ghassa tant li f’hin minnhom, fi kliem PS 1273, ‘ghamel mossa qisu ser jaghtih daqqa ta’ ponn lil PS 1128.’ Kompla jghid is-surgent li kif ra hekk, intervjenta, billi, fi kliemu, ‘qabez fuqu u ccatjah mal-hajt.’ Kien f’din l-istanza li s-surgent 1128 garrab girfa f’idejh meta l-allura arrestat deher li ser ihebb ghalih.

Din il-persuna irrizultat fl-imputat u l-vettura li kien qieghed fiha irrizultat dik bin-numru ta’ registrazzjoni BBR 319 registrata f’ismu.

L-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju jirriflettu l-imputazzjonijiet riportati fic-citazzjoni u minn ezami tal-provi, l-Qorti thoss li dawn jinsabu ppruvati. Fil-kaz tal-attakk u rezistenza, l-imputazzjoni tirrizulta meta gja kien gie eskortat gewwa l-ghassa u immanifestat ruhha wara li gie mistoqsi biex jaghti l-partikularitajiet tieghu; idem ghat-tieni li tirreferi ghall-ferita, hafifa kemm trid, izda konsegwenza diretta tal-imgieba tal-imputat fl-ghassa; konsegwenza t’hekk, ossija l-ferita, tirrizulta it-tielet imputazzjoni; dwar ir-raba’ imputazzjoni, indipendentement mill-fatti

li fil-hin ‘de quo’ ma kienx hemm seqan, hu inkontrastat li l-imputat kien fiha, bil-magna taghha mixghula u fi stat ta’ ubrijakezza, jew persuna tali, li jfisser fil-fehma tal-Qorti, li ma kellux il-kontroll tal-vettura; fil-konfront tal-hames tirrizulta anke minhabba d-dagha; mill-bqija: s-sitta u seba’ imputazzjonijiet li jirrizultaw mix-xhieda, wkoll it-tmien u d-disa imputazzjonijiet li jirrizultaw mis-sentenzi esebiti in atti li jirreferu ghall-imputat.

In vista ta’ dan tiddikjarah u ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 96(1), 95 , 221, 338(bb)(dd)(ee), 17(b)(d), 31, 49 u 50 tal-Kap 9, l-Artikolu 15A, 15H(1), u 15H(2) u 15G(4) tal-Kap 65 u l-Artikolu 23 tal-Kap 446.

Tikkundannah: sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u multa ta’ elf u sitt mitt Euro (1600 Euro). Addizzjonalment tissospendieh minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------